Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/713

30.3.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/713

tas-17 ta' Marzu 2026

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika dwar il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi bħala osservaturi fil-laqgħat ta dak il-Kumitat, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2), l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 84, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 ([1]) fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, u permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 ([2]) fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement, sa fejn dawn il-materji jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, u daħlet fis-seħħ għall-Unjoni fl-1 ta' Ottubru 2023.

(2) Il-Kumitat tal-Partijiet ("il-Kumitat") huwa korp tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ tal-Konvenzjoni. Fl-4 ta' Mejju 2015, il-Kumitat, f'konformità mal-Artikolu 67(3) tal-Konvenzjoni, adotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ("ir-Regoli ta' Proċedura"), kif stabbiliti fid-Dokument IC-CP (2015)2. Ir-Regoli ta' Proċedura jipprovdu li l-Kumitat jista' jawtorizza lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) attivi fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, biex jibagħtu rappreżentanti bħala osservaturi għal-laqgħat tiegħu fuq bażi *ad hoc*. Huma jipprovdu wkoll li l-osservaturi ma għandhom l-ebda dritt li jivvotaw jew għall-ħlas tal-ispejjeż.

(3) B'segwitu għat-talba ta' NGO biex tipparteċipa f'laqgħa tal-Kumitat bħala osservatur, deher ċar li kien meħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċedura u l-kriterji għall-kunsiderazzjoni tal-ammissjoni ta' NGOs bħala osservaturi *ad hoc* għall-fini tal-implimentazzjoni tar-Regoli ta' Proċedura rilevanti. Id-diskussjonijiet dwar l-approċċ tal-Kumitat għal talbiet bħal dawn saru fit-18 u d-19-il laqgħa tal-Kumitat f'Ġunju 2025 u Diċembru 2025.

(4) Fis-27 ta' Jannar 2026, abbażi tad-diskussjonijiet tal-Kumitat, is-Segretarjat tal-Kumitat (is-"Segretarjat") ikkondivida abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-NGOs bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Istanbul ("l-att previst"), kif stabbilit fid-dokument IC-CP(2026)1 prov. Is-Segretarjat stieden lill-Partijiet japprovaw il-proposta permezz ta' proċedura bil-miktub. Ġie kkomunikat lill-Partijiet ukoll li, sakemm ma jiġux ippreżentati oġġezzjonijiet bil-miktub lis-Segretarjat sas-26 ta' Marzu 2026, l-att previst jitqies bħala adottat.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1075 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni (ĠU L 143 I, 2.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1075/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1076 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement (ĠU L 143 I, 2.6.2023 p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1076/oj).

(5) Fir-rigward tal-proċedura proposta biex tiġi kkunsidrata l-ammissjoni ta' NGOs bħala osservaturi *ad hoc*, l-att previst jipprovdi li l-Kumitat irid jiddeċiedi dwar tali ammissjoni permezz ta' proċedura ta' qbil taċitu bil-miktub organizzata mis-Segretarjat qabel il-laqgħa rilevanti, b'deċiżjoni li trid tittieħed f'dik il-laqgħa jekk ikun hemm oġġezzjonijiet. Il-parteċipazzjoni ta' NGOs bħala osservaturi *ad hoc* fil-laqgħat tal-Kumitat trid tkun limitata għad-dibattiti tematiċi tal-Kumitat u tista' tkun estiża għal diversi laqgħat. Il-kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ammissjoni jridu jinkludu l-preżentazzjoni f'waqtha tat-talba, l-aderenza tal-NGO mal-valuri tal-Kunsill tal-Ewropa, l-attività tal-NGO fil-qasam tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, u r-reġistrazzjoni tal-NGO, jew it-twettiq minnha ta' attivitajiet, fi Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa jew f'pajjiżi li kienu parti għall-Konvenzjoni jew li esprimew interess li jsiru parti għaliha.

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni, billi l-att previst se jkun vinkolanti fuq l-Unjoni skont id-dritt internazzjonali.

(7) Jenħtieġ li l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' NGOs bħala osservaturi f'laqgħat tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jiġi approvat f'isem l-Unjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Fil-qasam tal-kompetenzi kondiviżi koperti mill-abbozz ta' deċiżjoni, l-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sa fejn l-abbozz ta' deċiżjoni ma jaffettwax ir-regoli komuni jew jibdel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

(8) Sabiex jiġu implimentati r-Regoli ta' Proċedura li jippermettu lil NGOs jipparteċipaw bħala osservaturi *ad hoc* fil-laqgħat tal-Kumitat, il-Kumitat għandu jiddeċiedi dwar proċedura għall-ammissjoni ta' NGOs għal-laqgħat tiegħu u li jaqbel dwar lista ta' kriterji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-ammissjoni. Il-proċedura ssuġġerita tidher raġonevoli, effiċjenti u ċara biżżejjed, u l-lista tal-kriterji propostitidher xierqa u mfassla biex tiżgura li l-NGOs rilevanti biss jiġu ammessi bħala osservaturi.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-att previst.

(10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-Partijiet, stabbilit skont l-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, għandha tkun li ma toġġezzjonax għall-adozzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi bħala osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat tal-Partijiet tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, kif stabbilit fid-dokument IC-CP(2026)1 prov.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. RAOUNA